# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Jannar 2019**

**Numru 15**

**Rikors numru 370/15 AF**

**Patricia Debono**

**v.**

**Global Capital Financial Management Limited [C30053] u b'digriet tal-14 ta' Awwissu 2018 l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta giet awtorizzata tintervjeni f'dawn il-proceduri**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell minn digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Mejju, 2018, li bih awtorizzat li jitressaq bhala xhud rapprezentat tal-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) biex jesebixxi l-korrispondenza li kien hemm bejn l-istess Awtorita` u l-Global Capital Financial Management Limited dwar il-prodotti finanzjarji mibjugha lill-

attrici mis-socjeta` konvenuta. It-talba ghall-produzzjoni tad-dokumenti kienet opposta kemm mis-socjeta` konvenuta kif ukoll mill-istess MFSA. Is-socjeta` konvenuta li opponiet it-talba attrici ressqet appell mid-digriet tal-ewwel Qorti, bl-MFSA tithalla tintervjeni fl-appell b'digriet tal-14 ta' Awwissu 2018, biex tressaq is-sottomissjonijiet taghha fir-rigward ta' din il-kwistjoni.

Trattat l-appell, din il-Qorti tara illi gie indikat illi hemm investigazzjoni pendenti mill-MFSA li tista' tkun relatata mal-meritu ta' din il-kawza, u ghalhekk l-istess Awtorita` qed tinvoka l-Artikolu 30(1) tal-Att dwar il-Liberta ta' Informazzjoni (Kap. 496 tal-Ligijiet ta' Malta) li jzommha milli tizvela informazzjoni jekk dan ikun ta' pregudizzju ghat-tmexxija ta' investigazzjoni. Qed tinvoka wkoll l-Artikolu 17(1) tal-Att dwar l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap, 330 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Artikolu 26(1) tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta) li jorbtu lill-ufficjali tal-Awtorita` kompetenti b'konfidenzjalita` ghal kull informazzjoni li tinkiseb waqt il-qadi ta' dmirijithom, liema informazzjoni ma tista' tigi zvelata lill-ebda persuna, hlief bil-kunsens tal-persuna li tkun harget din l-informazzjoni.

Is-socjeta` konvenuta mhux qed taghti l-kunsens taghha ghall-izvelar ta' informazzjoni li hi setghet ghaddiet lill-MFSA.

Gie invokat ukoll l-Artikolu 637(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li jghid li ma tistax tintalab il-produzzjoni ta' xi dokument milqut, fost ohrajn, bl-Artikolu 30 tal-aktar qabel indikat Kap. 496 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa car li dawn ir-regolamenti kollha jzommu l-produzzjoni tad-dokumenti mitluba mill-attrici f'din il-kawza. Dawn ir-regolamenti, pero`, donnhom ma jqisux l-interess tac-cittadin involut fi kwistjoni li marret hazin u qed jipprova jfittex rimedju ghall-hsara li garrab.

Din il-Qorti tara illi s-segretezza u kunfidenzjalita` kwazi assoluta li tipprovdi l-ligi tista' tolqot fil-laham il-haj lill-vittmi ta' agir hazin da parti ta' istitut finanzjarju, kif inhi s-socjeta` konvenuta f'dan il-kaz, u fl-interess tal-gustizzja l-qrati ghandhom ikollhom diskrezzjoni jippermettu l-produzzjoni ta' xi dokumenti li jkunu jistghu juzufrugaw t-tezi tal-vittma. Il-Qorti tara li ghandu jinholoq bilanc bejn id-dritt ta' kunfidenzjalita`, fl-interess tas-settur finanzjarju tal-pajjiz, u d-dritt tal-vittma li tinghata informazzjoni mehtiega mill-awtorita` pubblika biex tkun tista' thares l-interessi taghha.

It-talba li ghamlet l-attrici ghall-esebizzjoni tal-korrispondenza (ovvjament, kollha) li kien hemm bejn l-MFSA u s-socjeta` konvenuta, hija wisq generali u kif maghmula ma tistax tintlaqa' minghajr rizervi.

Mhux bizzejjed li l-ewwel Qorti rriservat id-dritt li tehles mis-sigriet professjonali, jekk ikun il-kaz, ghax il-materja involuta tmur oltre minn hekk. Hemm diversi kwistjonijiet li jmorru 'l hinn mill-interess li jista' jkollha l-attrici fil-kawza taghha, fosthom, kif rajna, l-investigazzjoni li qed issir mill-MFSA u l-interess tas-settur finanzjarju mibni, sa certu punt, fuq il-kunfidenzjalita`.

Din il-Qorti tara, ghalhekk, li l-Qorti ghandha tikkontrolla d-dokumenti li jitressqulha. L-MFSA ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ghal ghajnejn il-Qorti biss id-dokumenti mitluba, u maghhom tipprezenta nota, ukoll ghall-ghajnejn il-Qorti, biss, li fiha tispjega, b'riferenza preciza ghal kull dokument, ghaliex thoss li ssofri pregudizzju jekk il-kontenut ta' dak id-dokument partikolari jigi zvelat. Sta mbaghad ghall-Qorti tiddeciedi liema dokumenti ghandhom jidhlu fl-atti u liema le; id-dokumenti mhux imdahhlin fl-atti jibqghu ssigillati fis-sigrieta tal-Imhallef li qed tiggudika dan il-kaz.

Jekk il-partijiet jixtiequ, jistghu, qabel dan l-ezercizzju mill-Qorti, jaghmlu sottomissjonijiet in generali dwar l-importanza li jigu esebiti d-dokumenti, izda tkun biss il-Qorti li tezamina d-dokumenti u tara x'ghandu jidhol in atti fid-dawl tal-interessi kollha involuti.

Dak li qed tghid din il-Qorti huwa li, fl-interess tal-gustizzja u tal-harsien ghad-dritt ghal smigh xieraq ghac-cittadin, kull *blanket prohibition* ghall-prezentazzjoni ta' dokumenti, ma ghandhiex tkun permissibbli f'socjeta` demokratika, u lanqas ma ghandu jithalla f'idejn ufficjal pubbliku jiddeciedi x'ghandu jkunu pprezentat jew le. Hija l-Qorti li trid tikkontrolla dan il-process.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-Global Capital Financial Management Limited billi tilqa' in parte l-istess, u thassar id-digriet tal-ewwel Qorti tat-3 ta' Mejju, 2018, u minflok tipprovdi kif fuq inghad ghat-talba attrici.

L-ispejjez marbuta ma' dan l-incident jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

L-atti qed jigu rinvijati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb